MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 714/2000/1

**Peter Montebello**

***Versus***

**Direttur tat-Toroq u *Accountant General***

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ħlas għal xogħlijiet magħmula b'appalt.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur, imqabbad mill-konvenut Direttur tat-Toroq, kien għamel xogħlijiet ta' tqattigħ, tħammil, skavar, asfaltar, bini, fornituri u xogħlijiet oħra fiż-Żejtun, Triq il-Kbira, Triq Bandulieri u Triq l-Iskola; għamel ukoll twessigħ ta' Triq San Tumas, iż-Żejtun, u xogħlijiet f'Santa Venera limiti ta' l-Imrieħel u fil-qasam ta' djar *tal-Papa*, f'Birżebbuġa, dawn ta' l-aħħar b'offerta.
Billi sejjaħ lill-konvenuti kemm-il darba biex iħallsu, iżda dawn, għalkemm wegħdu li sejrin iħallsu, baqgħu ma ħallsux, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti *in solidum*, jew xi wieħed minnhom, għandu jagħti lill-attur għax-xogħlijiet imsemmija fuq;
2. tillikwida l-ammont li għandhom iħallsu l-konvenuti;
3. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum*, jew lil min minnhom għandu jagħti, iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata; u
4. tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum*, jew lil min minnhom għandu jagħti, iħallsu l-imgħax minn meta kellu jsir il-ħlas, flimkien ma' l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' erba' ittri uffiċjali.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-*Accountant General* ma hux kontradittur leġittimu għax ħlasijiet lil terzi jsiru wara li tkun saret talba mid-direttur tad-dipartiment tal-gvern li jkollu x'jaqsam mal-każ;
2. il-konvenut Direttur tat-Toroq ġà ħallas lill-attur tax-xogħlijiet kollha li għamel; u
3. huwa ma għandux ibati spejjeż.

Il-fatti ta' dan il-każ ġraw hekk:

L-attur kien imqabbad jagħmel xi xogħlijiet mill-konvenut Direttur tat-Toroq. Il-partijiet, iżda, ma humiex qegħdin jaqblu sewwasew x'kienu x-xogħlijiet li għamel l-attur.

L-attur ressaq il-provi tiegħu biex juri x'kienu x-xogħlijiet li għamel u kemm jiswew. B'dikriet tas-16 ta' Jannar 2003[1] il-qorti tat lill-konvenuti żmien biex jagħmlu l-istess, iżda l-konvenuti baqgħu ma għamlu xejn minn dan. Il-qorti għalhekk ikollha bilfors toqgħod fuq il-provi mressqa mill-attur.

Ix-xogħlijiet magħmula mill-attur jinqasmu fi tlieta: (a) fil-qasam tad-djar *tal-Papa*, f'Birżebbuġa, (b) f'San Ġwakkin, l-Imrieħel, u (ċ) fiż-Żejtun.

**A. Birżebbuġa**

L-attur esebixxa dokument[2] li juri li x-xogħlijiet f'Birżebbuġa jiswew erbgħa u tletin elf u lira u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm34,001.65). Dan id-dokument, iżda, għalkemm għandu l-forma ta' *payment voucher* maħruġa mid-Direttur tat-Toroq, la hu iffirmat u lanqas għandu data. L-attur qiegħed jistrieħ fuq dan id-dokument bħala prova ta' kemm jiswew ix-xogħlijiet li għamel f'Birżebbuġa; il-

[1] *Fol.* 114.

[2] *Fol.* 28.

qorti iżda hija tal-fehma li ma tistax toqgħod fuq dokument li ma hux iffirmat u li ma nġiebet ebda prova ta' l-awtentiċità tiegħu.

L-attur esebixxa dokument ieħor[3], li wkoll huwa *payment voucher* għall-istess xogħlijiet, bid-data tat-22 ta' Lulju 1994, din id-darba iffirmat f'isem id-direttur, li l-qorti tista' toqgħod fuqu. Dan id-dokument, li ma hux kontestat mill-konvenuti, juri li x-xogħlijiet jiswew sebgħa u għoxrin elf u tmienja u disgħin lira u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm27,098.63), somma li tirriżulta wkoll minn *bill of quantities* esebit mill-attur[4]. Minn din is-somma sar tnaqqis ta' elfejn ħames mija u tmienja u sebgħin lira u wieħed u tmenin ċenteżmu (Lm2,578.81), skond *bill of deduction*[5] li, kif jidher minn ittra tat-22 ta' Ġunju 1996 f'isem l-attur[6], kien hemm qbil dwaru. Saru ħlasijiet ta' erbatax-il elf mitejn u ħamsin lira (Lm14,250)[7] u ta' għaxart elef mitejn u disgħa u sittin lira u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm10,269.82)[8], u għalhekk ma fadal xejn x'jitħallas, kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Xogħlijiet | Lm 27,098.63 |
| Tnaqqis | Lm (2,578.81) |
| Ħlas | Lm (14,250.00) |
| Ħlas | Lm (10,269.82) |
| Bilanċ | Lm 0.00 |

## 2. Imrieħel

Ix-xogħol fl-Imrieħel, skond l-*affidavit* ta' l-attur[9] u skond *bill of quantities* esebit minnu[10], jiswa disat elef u disgħa u sittin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm9,069.19); skond il-

3 *Fol.* 29.

4 *Fol.* 25.

5 *Fol.* 26.

6 *Fol.* 32.

7 *Fol.* 27.

8 *Fol.* 29.

9 *Fol.* 17, para. 8.

10 *Foll.* 30 *et seq.*

perit tiegħu jiswa tnax-il elf tliet mija u lira u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm12,301.51)[11]; u skond *payment voucher* maħruġ mill-konvenut[12] jiswa sitt elef ħames mija u disgħa u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm6,579.98).

Quddiem dawn il-provi li ma jaqblux, il-qorti hija tal-fehma li aktar tista' toqgħod fuq il-*bill of quantities*, li hu dokument dettaljat li jelenka x-xogħlijiet li saru, waqt illi l-*payment voucher* u d-dokument maħruġ mill-perit juru biss ċifra bla tifsira ta' kif waslu għal dik iċ-ċifra.

Għalhekk, fil-fehma tal-qorti, ix-xogħlijiet fl-Imrieħel kienu jiswew disat elef u disgħa u sittin lira u dsatax-il ċenteżmu (Lm9,069.19). Saru ħlasijiet ta' tlitt elef u tmien mitt lira (Lm3,800) u elfejn seba' mija u disgħa u sebgħin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm2,779.98), kif jidher mill-*payment voucher*[13], u l-attur isemmi ħlas ieħor ta' elf u tliet mitt lira (Lm1,300)[14]. Għalhekk jifdal bilanċ ta' elf, mija u disgħa u tmenin lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm1,189.21), kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Xogħlijiet | Lm 9,069.19 |
| Ħlas | Lm (3,800.00) |
| Ħlas | Lm (2,779.98) |
| Ħlas | Lm (1,300.00) |
| Bilanċ | Lm 1,189.21 |

### 3. Żejtun

Ix-xogħlijiet fiż-Żejtun, skond il-perit ta' l-attur, jiswew tmint elef sitt mija u sitta u tletin lira u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm8,636.22)[15]. Ma nġibux provi ta' ħlasijiet, iżda l-attur fir-rendikont tiegħu juri illi l-bilanċ huwa ta' sebat elef disa' mija u sittax-il lira u tliet ċenteżmi (Lm7,916.03), u għalhekk il-qorti tifhem illi kien hemm xi ħlasijiet biex l-attur fadallu jieħu daqskemm jidher fuq ir-rendikont tiegħu,

11 *Fol.* 102.

12 *Fol.* 70.

13 *Fol.* 70.

14 *Fol.* 18, para. 12.

15 *Fol.* 102.

*i.e.* sebat elef disa' mija u sittax-il lira u tliet ċenteżmi (Lm7,916.03).

Mela l-attur għad għandu jieħu elf, mija u disgħa u tmenin lira u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm1,189.21) fuq ix-xogħlijiet ta' l-Imrieħel u sebat elef disa' mija u sittax-il lira u tliet ċenteżmi (Lm7,916.03) fuq ix-xogħlijiet fiż-Żejtun, b'kollox disat elef mija u ħames liri u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm9,105.24).

Fadal li nqisu l-eċċezzjoni illi l-konvenut *Accountant General* ma hux kontradittur leġittimu.

Essenzjalment il-konvenut f'din il-kawża huwa l-Gvern ta' Malta; il-kwistjoni hi min jidher għalih. L-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi l-gvern jidher għalih il-kap tad-dipartiment "li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni". Billi l-"materja in kwistjoni" hija ħlas għal xogħlijiet ta' toroq, u għal dawn ix-xogħlijiet huwa inkarigat id-Direttur tat-Toroq, għall-gvern għandu jidher id-Direttur tat-Toroq, u ma kienx hemm għalfejn ikun imħarrek ukoll l-*Accountant General*. Kundanna kontra d-Direttur tat-Toroq f'materja fejn dan jidher għall-gvern fil-kawżi torbot lill-gvern biex iħallas, u ma hemmx għalfejn ikun parti fil-kawża l-*Accountant General* biex ikun jista' jsir il-ħlas.

L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk milqugħa.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li teħles lill-konvenut *Accountant General* mill-ħarsien tal-ġudizzju, tikkundanna lill-konvenut Direttur tat-Toroq f'isem il-Gvern ta' Malta jħallas lill-attur disat elef mija u ħames liri u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm9,105.24) flimkien ma' l-imgħaxijiet minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

L-ispejjeż tal-konvenut *Accountant General* iħallashom l-attur; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom il-konvenut Direttur tat-Toroq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------